KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fis-16 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawża C-632/20 P

Ir-Renju ta' Spanja
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell – Relazzjonijiet esterni – Ftehim ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u l-Kosovo, min-naħa l-oħra – Komunikazzjonijiet elettroniċi – Regolament (UE) 2018/1971– Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) – Artikolu 35(2) – Parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali (ARN) tal-Kosovo f'dan il-korp – Kunċetti ta' 'pajjiż terz' u ta' 'Stat terz' – Kompetenza istituzzjonali tal-Kummissjoni"

I. Introduzzjoni

1. L-hekk imsejjaħ Regolament BEREC [2] jikkostitwixxi l-bażi legali tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (iktar 'il quddiem il-"BEREC") u tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju tal-BEREC").

2. L-Artikolu 35 tal-imsemmi regolament jirregola, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni ta' dawn il-korpi mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (iktar 'il quddiem l-"ARN") ta' pajjiżi terzi. Abbażi ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet, permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża tat-18 ta' Marzu 2019 [3], li l-ARN tal-Kosovo setgħet tipparteċipa fil-Bord tar-Regolaturi u fil-gruppi ta' ħidma tal-BEREC kif ukoll fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC.

3. Spanja tikkontesta din id-deċiżjoni billi ssostni, b'mod partikolari, li l-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo hija kontradetta mill-fatt li ċerti Stati Membri, fosthom Spanja, ma rrikonoxxewx lill-Kosovo bħala Stat sovran u li lanqas l-Unjoni Ewropea ma ħadet pożizzjoni dwar dan is-suġġett. Barra minn hekk, Spanja tqiegħed f'dubju l-kompetenza tal-Kummissjoni sabiex unilateralment tiddeċiedi dwar din il-parteċipazzjoni.

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

[2] Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC), li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009 (KE) Nru 1211/2009 (ĠU 2018, L 321, p. 1).

[3] Deċiżjoni tat-18 ta' Marzu 2019 dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tal-Kosovo fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2019, C 115, p. 26).

4. Għalkemm il-partijiet ma jaqblux b'mod intensiv dwar id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju applikabbli għal dawn il-kwistjonijiet, qari iktar fil-fond ta' din it-tilwima jippermetti li din it-tilwima tiġi deċiża abbażi tar-Regolament BEREC kif ukoll tal-Ftehim ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni mal-Kosovo [4].

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Ftehim ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni mal-Kosovo

5. Bejn l-2001 u l-2016, l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni (iktar 'il quddiem il-"FSA") mal-Maċedonja ta' Fuq [5], mal-Albanija [6], mal-Montenegro [7], mas-Serbja [8], mal-Bosnja-Ħerzegovina [9] kif ukoll mal-Kosovo. F'din il-kawża huwa ta' interess partikolari l-FSA mal-Kosovo.

6. L-użu tal-isem "Kosovo" fit-titolu tal-ftehim kif ukoll fil-bidu tal-preambolu jinkludi din in-nota ta' qiegħ il-paġna, li l-kontenut tagħha jinsab ukoll fis-sbatax-il premessa tal-preambolu:

"Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo."

7. L-Artikolu 2 tal-FSA mal-Kosovo għandu wkoll bħala suġġett il-kwistjoni tar-rikonoxximent tal-Kosovo bħala Stat indipendenti:

"L-ebda terminu, għażla ta' kliem jew definizzjonijiet użati f'dan il-Ftehim, inklużi l-Annessi u l-Protokolli għalihom, ma jikkostitwixxu rikonoxximent tal-Kosovo mill-UE bħala Stat indipendenti u lanqas ma jikkostitwixxu rikonoxximent minn Stati Membri indidwali tal-Kosovo f'dik il-kapaċità fejn huma ma jkunux għamlu tali pass."

8. L-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo, li jirrigwarda n-networks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, jipprovdi:

"Il-kooperazzjoni għandha tiffoka primarjament fuq l-oqsma prijoritarji relatati mal-*acquis* tal-UE f'dan il-qasam.

Il-Partijiet, b'mod partikolari, għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tan-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, bl-għan aħħari li l-Kosovo jadotta l-*acquis* tal-UE fis-settur ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'attenzjoni speċjali tingħata lejn l-iżgurar u t-tisħiħ tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji relevanti."

[4] Ftehim ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda u l-Kosovo, min-naħa l-oħra (ĠU 2016, L 71, p. 3).

[5] Ftehim ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, min-naħa l-oħra (ĠU 2004, L 84, p. 13).

[6] Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Albanija, min-naħa l-oħra (ĠU 2009, L 107, p. 166).

[7] Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Montenegro, min-naħa l-oħra (ĠU 2010, L 108, p. 3).

[8] Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tas-Serbja, min-naħa l-oħra (ĠU 2013, L 278, p. 16).

[9] Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bożnja u Ħerzegovina, min-naħa l-oħra (ĠU 2015, L 164, p. 2).

9. Dispożizzjonijiet simili huma previsti fl-Artikolu 95 tal-FSA mal-Maċedonja ta' Fuq, fl-Artikolu 104 tal-FSA mal-Albanija, fl-Artikolu 106 tal-FSA mal-Montenegro, fl-Artikolu 106 tal-FSA mas-Serbja u fl-Artikolu 104 tal-FSA mal-Bosnja-Ħerzegovina.

B. Ir-Regolament BEREC

10. Ir-Regolament BEREC issostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 1211/2009[10], li inizjalment kien stabbilixxa l-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC.

11. Skont il-premessa 5 tar-Regolament BEREC, il-BEREC jaġixxi bħala forum ta' kooperazzjoni bejn l-ARN innifishom u bejn l-ARN u l-Kummissjoni fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tagħhom skont il-qafas regolatorju tal-Unjoni. Skont l-istess premessa, il-BEREC ġie stabbilit sabiex jipprovdi għarfien espert u jaġixxi b'mod indipendenti u trasparenti.

12. Il-premessa 13 tar-Regolament BEREC tiddeskrivi r-rwol tal-BEREC:

"Jenħtieġ li l-BEREC jipprovdi għarfien espert u jistabbilixxi kunfidenza bis-saħħa tal-indipendenza tiegħu, il-kwalità tal-parir u l-informazzjoni tiegħu, it-trasparenza tal-proċeduri u tal-metodi ta' operat tiegħu, u d-diliġenza tiegħu fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Jenħtieġ li l-indipendenza tal-BEREC ma timpedixxix lill-Bord tar-Regolaturi tiegħu milli jiddelibera abbażi ta' abbozzi mħejjija minn gruppi ta' ħidma."

13. Il-premessa 20 tar-Regolament BEREC tirrigwarda l-kooperazzjoni ma' awtoritajiet ta' pajjiżi terzi:

"Il-BEREC jenħtieġ li jkollu d-dritt jistabbilixxi arranġamenti ta' ħidma ma' korpi, uffiċċji, aġenziji u gruppi konsultattivi kompetenti tal-Unjoni, ma' awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, li jenħtieġ li ma joħolqux obbligi legali. L-għan ta' tali arranġamenti ta' ħidma jistgħu jkunu, pereżempju, biex jiġu żviluppati relazzjonijiet ta' kooperazzjoni u skambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet regolatorji. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-arranġamenti ta' ħidma neċessarji huma konsistenti mal-politika u l-prijoritajiet tal-Unjoni, u li l-BEREC jopera fil-limiti tal-mandat tiegħu u tal-qafas istituzzjonali eżistenti u ma jitqiesx bħala li jirrappreżenta l-pożizzjoni tal-Unjoni quddiem xi udjenza barranija jew li jorbot lill-Unjoni b'obbligi internazzjonali."

14. Il-premessa 34 tar-Regolament BEREC issemmi wkoll il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi:

"Sabiex tkompli tiġi estiża l-implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, jenħtieġ li l-Bord tar-Regolaturi, il-gruppi ta' ħidma u l-Bord Maniġerjali ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi li huma kompetenti fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika fejn dawk il-pajjiżi terzi daħlu fi ftehimiet mal-Unjoni għal dak l-iskop, bħal Stati tal-EFTA taż-ŻEE u pajjiżi kandidati."

[10] Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Uffiċċju (ĠU 2009, L 337, p. 1).

15. Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament BEREC, il-BEREC jaġixxi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar ir-roaming [11], tar-Regolament dwar aċċess għal internet miftuħ [12] kif ukoll tad-Direttiva li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi [13]. F'dan il-qasam, il-BEREC għandu b'mod partikolari l-għan, skont l-Artikolu 3(2), li jiggarantixxi implimentazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju applikabbli għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fil-kamp ta' applikazzjoni msemmi fl-Artikolu 3(1).

16. L-Artikolu 3(3) u (4) tar-Regolament BEREC jistabbilixxi l-bażijiet tax-xogħol tal-BEREC:

"(3) Il-BEREC għandu jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod indipendenti, imparzjali, trasparenti u f'waqtu.

(4) Il-BEREC għandu jagħmel użu mill-għarfien espert disponibbli fl-[ARN]."

17. L-Artikolu 4 tar-Regolament BEREC jipprevedi li l-BEREC għandu jassisti istituzzjonijiet oħra fir-regolazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Huwa għandu jistabbilixxi b'mod partikolari linji gwida, opinjonijiet, rakkomandazzjonijiet, pożizzjonijiet komuni u l-aħjar prattika li l-ARN u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-ikbar kunsiderazzjoni tagħhom.

18. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament BEREC, il-Bord tar-Regolaturi tal-BEREC għandu jkun magħmul minn membru wieħed minn kull Stat Membru. Kull membru għandu jinħatar mill-ARN tal-Istat Membru kkonċernat. Il-membri tal-Bord tar-Regolaturi u s-sostituti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika, b'kont meħud tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti.

19. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament BEREC, il-Bord tar-Regolaturi u l-membri tiegħu għandhom jaġixxu b'mod indipendenti u fl-interess tal-Unjoni.

20. Id-dispożizzjoni ċentrali dwar il-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi hija l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC:

"(1) Sa fejn ikun meħtieġ biex il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC jilħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u jwettqu l-kompiti tagħhom, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dawn jistgħu jikkooperaw ma' korpi, uffiċċji, aġenziji u gruppi konsultattivi kompetenti tal-Unjoni, ma' awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Għal dak il-għan u soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC jistgħu jistabbilixxu arranġamenti ta' ħidma. Dawk l-arranġamenti ma għandhomx joħolqu obbligi ġuridiċi.

(2) Il-Bord tar-Regolaturi, il-gruppi ta' ħidma u l-Bord Maniġerjali għandhom ikunu miftuħin għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi li jkollhom responsabbiltà primarja

[11] Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2012, L 172, p. 10).

[12] Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi miżuri dwar aċċess għal Internet miftuħ u li jemenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2015, L 310, p. 1).

[13] Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU 2018, L 321, p. 36, rettifika fil-ĠU 2019, L 334, p. 164, u fil-ĠU 2020, L 419, p. 36).

fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika fejn dawk il-pajjiżi terzi jkunu daħlu fi ftehimiet mal-Unjoni għal dak l-iskop.

Taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk il-ftehimiet, għandhom jiġu żviluppati arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, sa fejn u l-mod kif dawn l-awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi kkonċernati ser jieħdu sehem mingħajr id-dritt tal-vot fil-ħidma tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni fl-inizjattivi meħuda mill-BEREC, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal għall-Uffiċċju tal-BEREC. Fi kwalunkwe każ, fejn jidħlu l-materji marbutin mal-persunal, dawk l-arranġamenti għandhom ikunu konformi mar-Regolamenti tal-Persunal.

(3) […]"

C. Id-deċiżjoni kontenzjuża tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2019

21. Fit-18 ta' Marzu 2019, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, flimkien ma' ħames deċiżjonijiet simili dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Montenegro [14], tal-ARN tal-Maċedonja ta' Fuq [15], tal-ARN tal-Bosnja-Ħerzegovina [16], tal-ARN tas-Serbja [17] u tal-ARN tal-Albanija [18] fil-BEREC.

22. Id-deċiżjoni kontenzjuża tirreferi, fl-ewwel żewġ premessi tagħha, rispettivament għall-Artikolu 17(1) TUE u għall-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC.

23. In-nota ta' qiegħ il-paġna marbuta mat-titolu tad-deċiżjoni kontenzjuża u mal-punt 1.1 tal-anness tagħha ttenni, f'dak li jirrigwarda l-isem "Kosovo", in-noti ta' qiegħ il-paġna korrispondenti marbuta mal-FSA mal-Kosovo [19]:

"Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo."

24. Il-premessa 3 tad-deċiżjoni kontenzjuża taqra kif ġej:

"Skont l-Artikolu 111 [tal-FSA tal-Kosovo] il-kooperazzjoni fil-komunikazzjonijiet elettroniċi trid tiffoka primarjament fuq l-oqsma prijoritarji relatati mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam. Il-Partijiet iridu jsaħħu, b'mod partikolari, il-kooperazzjoni fil-qasam tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, filwaqt li jagħtu attenzjoni partikolari għall-iżgurar u għat-tisħiħ tal-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji rilevanti. Għalhekk l-Unjoni u l-Kosovo daħlu fi ftehim skont it-tifsira tal-Artikolu 35(2) [tar-Regolament BEREC]."

[14] Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tal-Montenegro fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2019, C 115, p. 6).

[15] Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2019, C 115, p. 11).

[16] Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tal-Bożnija-Ħerzegovina fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2019, C 115, p. 16).

[17] Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tar-Repubblika tas-Serbja fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2019, C 115, p. 21)

[18] Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Awtorità Regolatorja Nazzjonali tar-Repubblika tal-Albanija fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (ĠU 2019, C 115, p. 31).

[19] Ara l-punt 6 iktar 'il fuq.

25. Skont il-premessa 5 tad-deċiżjoni kontenzjuża "huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-arranġamenti ta' ħidma għall-parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja tal-Kosovo fil-Bord ta' Regolaturi u fil-gruppi ta' ħidma tal-BEREC u fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC."

26. L-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża, għaldaqstant, jipprevedi li l-ARN tal-Kosovo tista' tipparteċipa fil-Bord tar-Regolaturi tal-BEREC, fil-gruppi ta' ħidma tal-BEREC u fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC.

27. Id-dispożizzjonijiet sostantivi dwar din il-parteċipazzjoni jinsabu fl-anness tad-deċiżjoni kontenzjuża. F'dan l-anness huma previsti wkoll regoli dwar l-użu ta' persunal mill-Kosovo u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kosovo.

III. Il-proċedura preċedenti u t-talbiet tal-partijiet fl-appell

28. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Ġunju 2019, ir-Renju ta' Spanja talab l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

29. Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-Renju ta' Spanja invoka tliet motivi. L-ewwel motiv kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC minħabba li l-Kosovo ma huwiex "pajjiż terz". It-tieni motiv kien ibbażat fuq ksur supplimentari ta' dan l-artikolu minħabba l-assenza ta' "ftehim mal-Unjoni" fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC. Permezz tat-tielet motiv, li huwa bbażat ukoll fuq ksur tal-imsemmi artikolu, Spanja akkużat lill-Kummissjoni li ma osservatx il-proċedura stabbilita għall-parteċipazzjoni tal-ARN tal-pajjiżi terzi fil-BEREC.

30. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors u kkundannat lir-Renju ta' Spanja għall-ispejjeż.

31. Ir-Renju ta' Spanja ppreżenta dan l-appell fl-24 ta' Novembru 2020, fejn talab li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tilqa' l-appell u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Settembru 2020 fil-Kawża T-370/19 kontra l-Kummissjoni Ewropea;

– tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2019 dwar il-parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Kosovo fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi;

– tikkundanna lill-partijiet l-oħra fil-proċedura għall-ispejjeż.

32. Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellant għall-ispejjeż.

33. Il-partijiet fil-kawża ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrinunzjat għaż-żamma ta' seduta għas-sottomissjonijiet orali.

IV. L-analiżi legali

34. Il-kawża toriġina mill-fatt li, sa issa, l-Unjoni astjeniet milli tieħu pożizzjoni espliċita dwar il-kwistjoni ta' jekk il-Kosovo għandux l-istatus ta' Stat sovran fis-sens tad-dritt internazzjonali pubbliku. Dan huwa muri b'mod partikolari fl-Artikolu 2 u fil-premessa 17 tal-FSA mal-Kosovo. Din il-preċiżazzjoni hija spjegata mill-fatt li ċerti Stati Membri, fosthom Spanja, ma rrikonoxxewx lill-Kosovo bħala Stat sovran.

35. Għaldaqstant, Spanja tikkontesta l-fatt li, permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni awtorizzat il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC, skont l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC. Peress li r-rikors ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali, dan l-Istat Membru ppreżenta dan l-appell, li insostenn tiegħu huwa jinvoka ħames aggravji, li jistgħu jinqasmu f'żewġ kwistjonijiet essenzjali.

36. Minn naħa, permezz tal-ewwel tliet aggravji u permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, Spanja tikkontesta, essenzjalment, il-fatt li l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo u l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC jikkostitwixxu bażi suffiċjenti sabiex l-ARN tal-Kosovo tkun tista' tipparteċipa fil-Bord tar-Regolaturi, fil-gruppi ta' ħidma u fil-Bord Maniġerjali tal-BEREC.

37. Min-naħa l-oħra, Spanja tikkontesta, b'mod partikolari permezz tal-ħames aggravju, iżda wkoll permezz tat-tieni parti tar-raba' aggravju, il-kompetenza istituzzjonali tal-Kummissjoni sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża.

38. Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat, preliminarjament, li, kuntrarjament għal dak li ssostni repetutament Spanja, id-deċiżjoni kontenzjuża ma tirrikonoxxix lill-Kosovo bħala Stat. Għall-kuntrarju, l-imsemmija deċiżjoni tinkludi żewġ noti ta' qiegħ il-paġna li jipprovdu li l-isem "Kosovo" huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo. Dawn in-noti ta' qiegħ il-paġna jikkorrispondu, essenzjalment, għall-premessa 17 tal-FSA mal-Kosovo kif ukoll għal nota simili ta' qiegħ il-paġna ta' dan il-ftehim u jenfasizzaw il-fatt li d-deċiżjoni kontenzjuża ma għandhiex l-effett, l-istess bħall-FSA, li (impliċitament) tirrikonoxxi lill-Kosovo bħala Stat.

39. Għalhekk, fl-assenza ta' rikonoxximent tal-Kosovo, ma huwiex neċessarju li jiġi ddeterminat, f'din il-proċedura, sa fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jiddikjaraw tali rikonoxximent. Għaldaqstant, l-argument tar-Renju ta' Spanja, irrepetut ukoll, li l-Kummissjoni ma hijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar tali rikonoxximent huwa ineffettiv.

A. L-ewwel sat-tielet aggravju u l-ewwel parti tar-raba' aggravju dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC

40. L-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC jirregola l-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. B'mod partikolari, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(2) il-Bord tar-Regolaturi, il-gruppi ta' ħidma u l-Bord Maniġerjali huma miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi li huma responsabbli, prinċipalment, għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, meta dawn il-pajjiżi terzi jkunu kkonkludew ftehimiet f'dan is-sens mal-Unjoni.

41. Skont il-premessa 3 tad-deċiżjoni kontenzjuża, l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo jikkostitwixxi tali ftehim. Għaldaqstant, permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni awtorizzat il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC.

42. Permezz tal-ewwel tliet aggravji kif ukoll permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, Spanja tikkontesta l-konstatazzjonijiet li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-ammissibbiltà ta' tali parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo.

43. B'mod iktar preċiż, Spanja tikkontesta l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiżi terz" (l-ewwel aggravju), tikkontesta, b'mod ġenerali, li l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC u l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo jippermettu l-parteċipazzjoni mill-Kosovo fil-BEREC (it-tieni aggravju) u, b'mod partikolari, li l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo jikkostitwixxi ftehim fis-sens tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC (it-tielet aggravju u l-ewwel parti tar-raba' aggravju). Madankollu, fil-kuntest, b'mod partikolari, tal-ewwel aggravju, jeħtieġ li jiġu indirizzati diġà argumenti mqajma fil-kuntest ta' aggravji oħra.

1. Fuq l-ewwel aggravju, dwar il-kunċett ta' "pajjiż terz"

44. Fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kkunsidrat il-Kosovo bħala "pajjiż terz" fis-sens tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC. Billi qablet ma' din l-analiżi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li l-kunċett ta' "pajjiż terz", fis-sens tal-Artikolu 35(2), għandu portata iktar wiesgħa minn dik ta' "Stati terzi", li tmur lil hinn mill-Istati sovrani fis-sens tad-dritt internazzjonali pubbliku u li tinkludi b'mod partikolari lill-Kosovo.

45. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha, fil-punti 29 sa 35 tas-sentenza appellata, fuq il-fatt li t-Trattat FUE juża kemm il-kunċett ta' "pajjiż terz" kif ukoll dak ta' "Stat terz", jiġifieri jagħmel distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kunċetti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirreferi għat-titoli tat-Titoli III u IV tal-Ħames Parti tat-Trattat FUE kif ukoll għall-Artikoli 212 u 217 tiegħu. Hija għalhekk ikkunsidrat, fil-punt 30 tas-sentenza appellata, "li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-'pajjiżi terzi' huma intiżi b'mod ċar li jiftħu l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali ma' [suġġetti tad-dritt] 'li ma humiex Stati'."

46. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, Spanja ssostni li din il-konstatazzjoni hija vvizzjata bi żball ta' liġi. Skont Spanja, huma biss l-Istati fis-sens tad-dritt internazzjonali pubbliku li jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' "pajjiż terz". Skont il-pożizzjoni meħuda minn Spanja, interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "pajjiż terz" tagħti lil dan tal-aħħar tifsira differenti fid-dritt tal-Unjoni minn dik li għandu fid-dritt internazzjonali pubbliku.

47. Il-Kummissjoni tqis, għall-kuntrarju, li, fost id-diversi dispożizzjonijiet tat-Trattati u tal-atti tal-Unjoni li jagħmlu distinzjoni bejn pajjiżi terzi u Stati terzi, għandha ssir ukoll distinzjoni materjali bejn dawn iż-żewġ kunċetti.

48. Nikkunsidra li, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod korrett il-kunċett ta' "pajjiż terz" fis-sens tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC. Dan jirriżulta diġà minn interpretazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz" li jinsab fl-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC skont il-metodi klassiċi ta' interpretazzjoni u huwa konformi mal-prassi fid-dritt internazzjonali pubbliku (ara f'dan ir-rigward il-punti (b) sa (f)).

49. Issa, ma naħsibx li huwa utli li tiġi kkonfermata l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali, esposta fil-punti 29 sa 35 tas-sentenza appellata, li tgħid li d-distinzjoni bejn il-kunċetti ta' "Stat terz" u ta' "pajjiż terz" tirriżulta mill-kliem stess tat-Trattati (ara, f'dan ir-rigward, il-punt (a)). Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tissostitwixxi din il-motivazzjoni b'raġunijiet ibbażati fuq ir-Regolament BEREC.

a) Fuq l-użu tal-kunċetti fit-Trattati

50. Fir-rigward tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-użu tal-kunċetti fit-Trattati, din tinjora l-fatt li mhux il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tat-Trattati jagħmlu distinzjoni bejn Stati terzi u pajjiżi terzi jew bejn Stati u pajjiżi. B'mod partikolari, bl-Estonjan, bil-Latvjan, bil-Pollakk u bis-Sloven, jintuża l-iktar jew dejjem *l-istess* kunċett, jiġifieri l-ekwivalenti tal-kunċett ta' "Stat terz". Madankollu, mill-Artikoli 198, 208 u 212 TFUE jirriżulta li anki dawn il-verżjonijiet lingwistiċi, bl-eċċezzjoni tas-Sloven, jirrikonoxxu l-ekwivalenti tal-kunċett ta' "pajjiż", pereżempju, fil-kuntest tal-kunċett ta' "pajjiż li qed jiżviluppa" jew fil-forma ta' "pajjiżi u territorji extra-Ewropej".

51. Bl-istess mod, il-verżjonijiet lingwistiċi li ħafna drabi jagħmlu d-distinzjoni mhux dejjem jikkoinċidu. Għalhekk, pereżempju, il-verżjoni bil-Ġermaniż tal-Artikoli 67, 77, 78 u 79 TFUE titkellem dwar "Drittstaatsangehörigen" ("ċittadini ta' Stati terzi"), filwaqt li, għall-kuntrarju, fil-verżjoni bil-Franċiż tintuża l-frażi "ressortisants des pays tiers", fil-verżjoni bl-Ingliż "third-country nationals" u "nationals of third countries" u fil-verżjoni bid-Daniż "tredjelandsstatsborgere", jiġifieri ċittadini ta' pajjiżi terzi.

52. Għalkemm dan in-nuqqas ta' konsistenza kien inqas evidenti fit-Trattat KEE tal-1957, li huwa awtentiku biss b'erba' lingwi, xorta jibqa' l-fatt li dan kien diġà preżenti hemmhekk. B'hekk, fil-verżjoni bil-Ġermaniż, l-Artikolu 3(b) isemmi l-azzjoni tal-Komunità fil-politika doganali u kummerċjali "fir-rigward tal-pajjiżi terzi", filwaqt li t-tliet verżjonijiet lingwistiċi l-oħra jużaw il-kunċett ta' "Stati terzi".

53. Issa, peress li d-diversi verżjonijiet lingwistiċi għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi [20] u peress li l-ebda verżjoni lingwistika ma għandha prijorità fuq il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra [21], id-distinzjoni bejn il-kunċetti ta' "Stat" u ta' "pajjiż" fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tat-Trattati ma tippermettix neċessarjament li jiġi konkluż li hemm differenza fis-sens.

54. Għalhekk, il-punt tat-tluq tar-raġunament tal-Qorti Ġenerali li jinsab fil-punti 29 u 30 tas-sentenza appellata, jiġifieri s-separazzjoni ċara bejn il-kunċetti ta' "pajjiżi terzi" u ta' "Stati terzi" magħmula fit-Trattat FUE, huwa vvizzjat bi żball ta' liġi.

[20] Sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punti 13 u 14); tas-27 ta' Marzu 1990, Cricket St Thomas (C-372/88, EU:C:1990:140, punt 19); u tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi (C-561/19, EU:C:2021:799, punt 43).

[21] Sentenzi tas-27 ta' Marzu 1990, Cricket St Thomas (C-372/88, EU:C:1990:140, punt 18), u tas-26 ta' Jannar 2021, Hessischer Rundfunk (C-422/19 u C-423/19, EU:C:2021:63, punt 65).

55. Madankollu, jekk mill-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali jirriżulta ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv tagħha jidher fondat fuq motivi oħra ta' dritt, tali ksur ma jkunx ta' natura li jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Għall-kuntrarju, għandha ssir sostituzzjoni tal-motivi [22].

56. Ikun ċertament possibbli li tiġi kkonfermata l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE magħmula mill-Qorti Ġenerali billi tiġi analizzata l-istruttura ġenerali ta' dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll l-għan tagħhom [23]. Għal dan il-għan, madankollu, ma huwiex biżżejjed li, fil-punt 30 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE li jirrigwardaw "pajjiżi terzi" huma intiżi b'mod ċar li jiftħu l-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali ma' suġġetti tad-dritt "li ma humiex Stati". Għall-kuntrarju, għandha ssir analiżi ħafna iktar intensiva tal-istruttura u tal-għan tad-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattati li, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi, jużaw il-kunċetti ta' "pajjiż terz" jew ta' "Stat terz", jew anki l-kunċetti ta' "pajjiż" u ta' "Stat".

57. Madankollu, dan ma huwiex neċessarju f'din il-proċedura għaliex, sabiex tiġi evalwata d-deċiżjoni kontenzjuża, il-kunċett ta' "pajjiż terz" għandu jiġi interpretat biss fl-użu tiegħu mill-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC. Interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni skont il-metodi normali tikkonferma l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali.

b) Il-formulazzjoni tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC

58. Kif irrilevat ukoll il-Qorti tal-Ġenerali fil-punt 28 tas-sentenza appellata, il-kunċett ta' "pajjiż terz", fis-sens tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC, la huwa ddefinit f'dan ir-regolament u lanqas, barra minn hekk, fid-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati.

59. Issa, fil-parti l-kbira tal-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC, jintuża l-kunċett ta' "pajjiż terz" u mhux il-kunċett ta' "Stat terz" [24]. Minn dan il-Kummissjoni tiddeduċi li l-kunċett ta' pajjiż terz għandu sens differenti minn dak tal-kunċett ta' Stat terz.

60. Għall-kuntrarju, Spanja ssostni li ma teżistix differenza semantika bejn il-kunċetti ta' "pajjiż terz" u ta' "Stat terz". L-unika differenza rilevanti bejn iż-żewġ kunċetti hija biss il-grad ta' formalità ġuridika. Għalhekk, fl-użu tal-lingwa ġenerali, tissemma l-lingwa nazzjonali, il-klima nazzjonali jew il-gastronomija ta' "pajjiż", filwaqt li, fil-kuntest ġuridiku, isir riferiment għar-rikonoxximent ta' "Stat".

61. Huwa fl-istess sens li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kunċett ta' "pajjiż" ħafna drabi jintuża fit-Trattati bħala sinonimu tal-kunċett ta' "Stat" [25].

62. Madankollu, lanqas ma huwa imperattiv li l-kunċetti ta' "Stat" u ta' "pajjiż" jiġu, fi kwalunkwe każ, interpretati bl-istess mod. Għall-kuntrarju, l-użu tal-kunċett ta' "pajjiż terz" jippermetti, jekk ikun il-każ, li ssir distinzjoni fil-konfront tal-kunċett ta' "Stat terz".

[22] Sentenzi tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 187); tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 94); u tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 48).

[23] Sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau (30/77, EU:C:1977:172, punti 13 u 14), u tas-26 ta' Jannar 2021, Hessischer Rundfunk (C-422/19 u C-423/19, EU:C:2021:63, punt 65).

[24] Dan huwa l-każ għall-Ispanjol, iċ-Ċek, id-Daniż, il-Ġermaniż, l-Ingliż, il-Franċiż, l-Irlandiż, il-Grieg, il-Kroat, it-Taljan, l-Ungeriż, il-Malti, l-Olandiż, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, il-Finlandiż u l-Isvediż.

[25] Sentenza tat-12 ta' Novembru 2019, Organisation juive européenne u Vignoble Psagot (C-363/18, EU:C:2019:954, punt 28).

63. Madankollu, tali distinzjoni hija, fil-livell tal-formulazzjoni, ikkonfrontata, fil-każ tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC, bl-istess problema li tinsab fid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE diġà msemmija. Fil-fatt, in-nuqqas ta' distinzjoni [26] bejn pajjiżi terzi u Stati terzi fil-verżjonijiet bl-Estonjan, bil-Latvjan, bil-Pollakk u bis-Sloven tal-parti l-kbira tad-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju jkompli fir-rigward tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC. Barra minn hekk, għalkemm fil-verżjonijiet bil-Bulgaru u bil-Litwan tad-dritt primarju jintużaw, parzjalment, żewġ kunċetti differenti, l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC juża wkoll l-ekwivalenti tal-kunċett ta' "Stat terz" f'dawn il-verżjonijiet lingwistiċi.

64. Kif diġà indikajt, il-formulazzjoni użata f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tistax isservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u lanqas ma tista' tingħata prijorità meta mqabbla mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra [27]. Għall-kuntrarju, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod uniformi fid-dawl tal-verżjonijiet redatti bil-lingwi kollha tal-Unjoni. F'każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tad-dritt tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-iskop tal-leġiżlazzjoni li minnha din id-dispożizzjoni tifforma parti [28]. Barra minn hekk, l-oriġini tal-leġiżlazzjoni tista' wkoll tikkontribwixxi għall-interpretazzjoni tagħha [29].

c) Il-kuntest leġiżlattiv tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC

65. Huwa għalhekk fil-kuntest tal-qafas leġiżlattiv tiegħu li għandu jiġi eżaminat l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC.

66. Il-parteċipazzjoni fil-BEREC hija suġġetta, skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC, għal ftehim konkluż bejn il-pajjiżi terzi kkonċernati u l-Unjoni. Il-premessa 34 issemmi, għal dawn il-pajjiżi terzi, *bħala eżempju*, l-Istati taż-ŻEE/EFTA u l-pajjiżi kandidati.

67. Minn dan isegwi li, waqt l-adozzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-leġiżlatur, fi kwalunkwe każ, kellu f'moħħu l-ftehimiet korrispondenti fid-dawl tal-kooperazzjoni fil-qasam tan-networks u tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika fil-ftehimiet ta' assoċjazzjoni mal-Albanija, mal-Montenegro u mas-Serbja, li f'dik id-data l-Unjoni kienet diġà rrikonoxxiet bħala pajjiżi kandidati għall-adeżjoni.

68. Għalkemm il-Kosovo ma huwiex pajjiż kandidat, ir-riferiment għall-istatus ta' pajjiż kandidat fil-premessa 34 iservi biss, madankollu, *bħala eżempju* u għalhekk ma jillimitax iċ-ċirku ta' sħab ta' kooperazzjoni possibbli.

69. Ħafna iktar importanti huwa, madankollu, li fl-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo l-Unjoni kienet diġà laħqet ftehim qabel l-adozzjoni tar-Regolament BEREC, li, kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punt 49 tas-sentenza appellata, essenzjalment jikkorrispondi għall-ftehimiet

[26] Ara l-punti 50 u 51 iktar 'il fuq.

[27] Ara l-punt 53 iktar 'il fuq.

[28] Sentenzi tal-1 ta' Marzu 2016, Kreis Warendorf u Osso (C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127, punt 27), u tal-24 ta' Frar 2022, Tiketa (C-536/20, EU:C:2022:112, punt 27).

[29] Sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2009, Zurita García u Choque Cabrera (C-261/08 u C-348/08, EU:C:2009:648, punt 57); tas-27 ta' Novembru 2012, Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756, punt 135); tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 50); u tal-20 ta' Diċembru 2017, Acacia u D'Amato (C-397/16 u C-435/16, EU:C:2017:992, punt 31).

korrispondenti mal-Albanija, mal-Montenegro u mas-Serbja bħala pajjiżi kandidati. Dawn id-dispożizzjonijiet huma suffiċjenti għall-parteċipazzjoni tal-ARN ta' dawn il-pajjiżi. Għaldaqstant, ikun inkomprensibbli li l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC ma jirreferix ukoll għall-ftehim konkluż mal-Kosovo.

70. Ċertament, permezz tat-tielet aggravju tagħha, Spanja tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli ma eżaminatx l-Artikolu 95 tal-FSA mal-Maċedonja ta' Fuq f'dan ir-rigward. B'differenza mill-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo, is-sitt inċiż tal-Artikolu 95(2) tal-FSA mal-Maċedonja ta' Fuq isemmi espressament il-"kooperazzjoni fl-istrutturi Ewropej" bħala qasam li fuqu għandha tkun ikkonċentrata l-kooperazzjoni. F'dan il-kuntest, Spanja tirreferi wkoll għal dokument ieħor b'indikazzjoni ddettaljata dwar il-kooperazzjoni, jiġifieri l-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013-2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġata fil-kuntest tal-politika Ewropea tal-viċinat [30]. Barra minn hekk, fl-ewwel parti tar-raba' aggravju, Spanja tinvoka l-ftehim, li huwa nettament iktar speċifiku mill-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo, li jirriżulta minn deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għall-parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE [31].

71. Madankollu, l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC ma ġiex adottat speċifikament fir-rigward ta' dawn id-dikjarazzjonijiet iktar iddettaljati dwar il-kooperazzjoni, iżda wkoll fid-dawl tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni invokati mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, mit-testi ċċitati minn Spanja ma jistax jiġi dedott li tali ftehim espliċitu ta' kooperazzjoni fi ħdan l-istrutturi tal-Unjoni huwa kundizzjoni neċessarja għall-applikazzjoni tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC.

72. Ir-rabta leġiżlattiva li teżisti bejn l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC u l-FSA konklużi mal-Balkani tal-Punent għalhekk turi li l-kunċett ta' pajjiż terz li jinsab fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC jinkludi wkoll il-Kosovo.

d) L-oriġini tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC

73. L-oriġini tal-formulazzjoni tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC tikkonferma l-interpretazzjoni bbażata fuq ir-rabta leġiżlattiva.

74. L-Artikolu 26(2) tal-proposta tal-Kummissjoni [32] kien għadu fformulat b'mod ekwivoku, peress li kien jipprevedi l-"parteċipazzjoni tal-awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi li huma kompetenti fil-komunikazzjoni elettronika u li jkunu għamlu ftehimiet mal-Unjoni għal dak l-iskop". F'dan ir-rigward, ma kienx ċar jekk kinux neċessarji ftehimiet mal-awtoritajiet regolatorji jew ftehimiet mal-pajjiżi terzi.

75. Madankollu, waqt id-diskussjonijiet, l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC ġie ppreċiżat fis-sens li "dawk il-pajjiżi terzi jkunu daħlu fi ftehimiet mal-Unjoni għal dak l-iskop".

[30] Punti 73 u 74 tal-Anness 2 tal-Proposta Konġunta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni mwaqqaf permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija li jimplimenta s-sħubija privileġġjata (2013-2017) (JOIN/2014/036 final, Dokument tal-Kunsill 15164/14 ADD 1).

[31] Decision of the EEA Joint Committee No 274/2021 of 24 September 2021 amending Annex XI (Electronic communication, audiovisual services and information society) and Protocol 37 (Containing the list provided for in Article 101) to the EEA Agreement (https://www.efta.int/eea-lex/32018R1971).

[32] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Korp tar-Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjoni Elettronika (BEREC) (COM(2016) 591 final).

76. Din il-preċiżazzjoni turi, bħall-premessa 34 tar-Regolament BEREC, li l-Unjoni adottat l-Artikolu 35 fil-kuntest tal-ftehimiet effettivament eżistenti u għalhekk ukoll fir-rigward tal-ftehim konkluż mal-Kosovo fl-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo.

e) Interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC

77. Fl-aħħar nett, huwa wkoll konformi mat-tifsira u mal-għan tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC li tiġi permessa kooperazzjoni mal-ARN tal-Kosovo.

78. Jidher li din id-dispożizzjoni hija intiża li tippromwovi l-kooperazzjoni min-naħa tal-BEREC u tal-Uffiċċju tal-BEREC ma' awtoritajiet oħra li jirregolaw il-komunikazzjonijiet elettroniċi. B'hekk, il-premessa 20 tippreċiża li l-arranġamenti ta' ħidma tal-BEREC jistgħu jiġu orjentati lejn ir-relazzjonijiet ta' kooperazzjoni u skambji ta' fehmiet dwar kwistjonijiet leġiżlattivi. Madankollu, Spanja ma tikkontestax l-eżistenza fil-Kosovo ta' awtorità regolatorja f'dan il-qasam.

79. Barra minn hekk, mill-premessa 34 tar-Regolament BEREC jirriżulta li din il-kooperazzjoni hija intiża b'mod partikolari li twessa' l-implimentazzjoni uniformi tal-qafas regolatorju tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Għall-istess għan, l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo jistabbilixxi li l-Kosovo għandu jadotta l-acquis tal-Unjoni f'dan il-qasam.

80. Konsegwentement, l-għanijiet tal-Artikolu 35 espressament iddefiniti fil-premessi 20 u 34 tar-Regolament BEREC jimmilitaw favur li l-Kosovo jiġi kkunsidrat bħala pajjiż terz fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

f) Kunsiderazzjonijiet addizzjonali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku

81. Barra minn hekk, Spanja ssostni li l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz" mogħtija mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali toħloq kategorija partikolari ta' suġġetti tad-dritt internazzjonali pubbliku li ma hijiex prevista fid-dritt internazzjonali pubbliku ġenerali.

82. Madankollu, il-Kummissjoni ġustament toġġezzjona li fid-dritt internazzjonali pubbliku ma teżistix definizzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż terz" jew ta' "pajjiż" li tapplika b'mod ġenerali.

83. Pereżempju, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tal-1969 tuża biss il-kunċett ta' "Stati", minn tal-inqas fil-lingwi tal-Unjoni li huma l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ispanjol, u mhux il-kunċett ta' "pajjiżi". Għall-kuntrarju, pereżempju, il-Konvenzjoni ta' Genève, tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus ta' Refuġjati tuża, minn naħa, il-kunċett ta' Stati kontraenti (f'verżjonijiet lingwistiċi oħra: Contracting States, États Contractants), iżda, min-naħa l-oħra, il-kunċett ta' pajjiż (country, pays) taħt il-forma, b'mod partikolari, tal-pajjiżi ta' oriġini jew ospitanti.

84. Fuq kollox, iżda, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) juri li kunċett ieħor ta' pajjiż jintuża wkoll fid-dritt internazzjonali pubbliku. Skont l-Artikolu II tal-"Articles of Agreement of the International Monetary Fund" [33], li huma vinkolanti bl-Ingliż biss, l-adeżjoni hija miftuħa għal ċerti

[33] https://www.imf.org/external/pubs/ft/aa/pdf/aa.pdf.

"pajjiżi" ("countries"). Fuq din il-bażi, il-FMI integra diversi awtoritajiet reġjonali li ma humiex irrikonoxxuti bħala Stati, b'mod partikolari bħall-Kosovo [34], iżda wkoll Ħong Kong, il-Makaw, jew it-territorji Brittaniċi extra-Ewropej ta' Angwilla u Montserrat [35].

85. Il-prassi tal-Unjoni taħt id-dritt internazzjonali pubbliku, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-Kosovo, turi, barra minn hekk, li hija lesta tikkonkludi ftehimiet legalment vinkolanti ma' entitajiet territorjali li hija ma rrikonoxxietx bħala Stat. Minbarra l-FSA mal-Kosovo, l-Unjoni kkonkludiet ukoll Ftehim Qafas dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fi programmi tal-Unjoni [36]. Barra minn hekk, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 31 tas-sentenza appellata, l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet mal-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina (PLO), mat-territorju doganali distint ta' Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu, mal-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina kif ukoll mar-Reġjun Amministrattiv Speċjali tal-Makaw tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

86. L-argument ibbażat fuq eventwali nuqqas ta' konsistenza mad-dritt internazzjonali pubbliku għalhekk lanqas ma huwa konvinċenti. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

2. Fuq it-tieni aggravju: rikonoxximent tal-Kosovo?

87. Permezz tat-tieni aggravju, Spanja tikkontesta l-punti 33 u 34 tas-sentenza appellata. F'dawn il-punti l-Qorti Ġenerali tfakkar li l-Unjoni astjeniet milli tieħu pożizzjoni fuq l-istatus tal-Kosovo bħala Stat fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku, kif jirriżulta mill-premessa 17 u mill-Artikolu 2 tal-FSA mal-Kosovo. Dawn l-indikazzjonijiet kawtelatorji huma intiżi, skont il-Qorti Ġenerali, li jiddistingwu bejn, minn naħa, l-istatus ta' "Stat" u, min-naħa l-oħra, il-kapaċità tal-Kosovo li, bħala attur tad-dritt internazzjonali pubbliku li jaqa' taħt il-kunċett usa' ta' "pajjiż terz", jassumi impenji taħt id-dritt internazzjonali pubbliku.

88. B'dan l-aggravju Spanja torbot diversi oġġezzjonijiet kontra d-deċiżjoni kontenzjuża. Essenzjalment, dan l-Istat Membru jikkritika lill-Kummissjoni li kisret il-kompetenza tal-Istati Membri sabiex jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent tal-Kosovo bħala Stat. Minkejja li mhux l-Istati Membri kollha rrikonoxxew lill-Kosovo bħala Stat, il-Kummissjoni, permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, irrikonoxxiet, minn tal-inqas impliċitament, lil dan tal-aħħar, u b'hekk marret lil hinn mill-FSA mal-Kosovo. Dan jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo, moqri flimkien mal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC, li l-Qorti Ġenerali ma ssanzjonatx.

89. Madankollu, ma huwiex neċessarju li jiġi eżaminat it-tqassim tal-kompetenzi fil-qasam tar-rikonoxximent tal-Istati bejn l-Unjoni u l-Istati Membri peress li, f'dan il-każ, kif diġà indikajt, ma tqumx il-kwistjoni tar-rikonoxximent tal-Kosovo [37].

90. Fuq kollox, iżda, ma jistax ikun hemm ksur tal-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo u l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC peress li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom l-għan, kif għadu kif ġie rrilevat [38], li jintegraw l-ARN tal-Kosovo fil-BEREC.

[34] Stqarrija għall-Istampa Nru 09/240 tal-FMI, tad-29 ta' Ġunju 2009, "Kosovo becomes the International Monetary Fund's 186th Member".

[35] Ara t-tabelli tal-pajjiżi membri taħt https://www.imf.org/en/Countries.

[36] ĠU 2017, L 195, p. 1.

[37] Ara l-punti 38 u 39 iktar 'il fuq.

[38] Ara l-punti 65 sa 80 iktar 'il fuq.

91. Konsegwentement, it-tieni aggravju huwa infondat mingħajr ma hemm bżonn li tingħata deċiżjoni dwar in-natura ġdida tiegħu fir-rigward tar-rikors fl-ewwel istanza u, għaldaqstant, dwar l-ammissibbiltà tiegħu.

3. Fuq it-tielet aggravju, dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC u fil-Bord Maniġerjali tal-Uffiċċju tal-BEREC

92. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, Spanja ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC, moqri flimkien mal-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo, meta kkonkludiet li l-imsemmija kooperazzjoni kienet tinkludi wkoll kooperazzjoni mal-BEREC. Skont Spanja, l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo ma jikkostitwixxix bażi legali suffiċjenti għad-deċiżjoni kontenzjuża peress li din id-dispożizzjoni ma tipprevedix b'mod espliċitu l-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC u fl-Uffiċċju tal-BEREC.

93. Il-kwistjoni ċentrali tat-tielet aggravju hija għalhekk dwar jekk il-FSA mal-Kosovo, b'mod partikolari l-Artikolu 111 tiegħu, jikkostitwixxix "ftehim għal dak l-iskop" fis-sens tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 49 tas-sentenza appellata.

94. Spanja tikkritika f'dan ir-rigward il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-FSA mal-Maċedonja ta' Fuq li, b'differenza mill-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rilevanti l-oħra, jirreferi espressament għal "kooperazzjoni fl-istrutturi Ewropej". Issa, jiena diġà esponejt, waqt id-dibattitu fuq l-ewwel aggravju, li formulazzjoni bħal din ma tikkostitwixxix kundizzjoni għal ftehim fis-sens tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC [39].

95. Barra minn hekk, skont Spanja, in-nuqqas ta' rikonoxximent tal-Kosovo bħala Stat jeskludi li l-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo fil-BEREC tista' tiġi kkunsidrata bħala kooperazzjoni skont l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC. Issa, minn dak li ġie rrilevat iktar 'il fuq jirriżulta li, indipendentement minn tali rikonoxximent, l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo u l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC huma intiżi li jintegraw l-ARN tal-Kosovo fil-BEREC [40].

96. Madankollu, Spanja tesponi li l-kunċett ta' kooperazzjoni użat fl-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo ma jeżiġix il-parteċipazzjoni fil-BEREC skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC. Pjuttost, kooperazzjoni skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament BEREC, kif miftiehem ma' sħab oħra, tkun suffiċjenti. Għall-kuntrarju, parteċipazzjoni tal-Kosovo fl-istrutturi tal-BEREC tagħtih influwenza fuq it-tfassil tad-dritt tal-Unjoni, peress li dawn l-istrutturi jikkontribwixxu għall-iżvilupp tiegħu.

97. Huwa minnu li, skont id-deċiżjoni kontenzjuża, ir-rappreżentanti tal-ARN tal-Kosovo jistgħu jipparteċipaw fil-Bord tar-Regolaturi, fil-gruppi ta' ħidma u fil-Bord Maniġerjali u, b'mod partikolari, jistgħu jagħtu opinjonijiet.

98. Issa, fl-opinjonijiet tagħhom fi ħdan il-Bord tar-Regolaturi jew il-Bord Maniġerjali, dawn il-persuni ma għandhomx jiddefendu l-pożizzjoni tal-Kosovo jew tal-ARN tagħhom iżda, skont il-punti 1.7 u 3.6 tal-anness tad-deċiżjoni kontenzjuża, għandhom jaġixxu b'indipendenza sħiħa. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 15(3) tar-Regolament BEREC, il-membri l-oħra

[39] Ara l-punti 70 u 71 iktar 'il fuq.

[40] Ara l-punti 65 sa 80 iktar 'il fuq.

taż-żewġ Bordijiet għandhom ikunu wkoll daqstant ieħor indipendenti. Skont il-premessi 5 u 13 kif ukoll l-Artikolu 3(3) u (4), il-BEREC twaqqaf sabiex jipprovdi għarfien espert u jaġixxi b'mod indipendenti u trasparenti.

99. Il-kooperazzjoni stabbilita bid-deċiżjoni kontenzjuża fi ħdan il-Bordijiet tal-BEREC għalhekk ma għandhiex il-karatteristiċi ta' parteċipazzjoni minn Stat fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni iżda hija intiża li tintlaħaq prassi leġiżlattiva uniformi, sa fejn it-testi mfassla mill-BEREC konformement mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament BEREC għandhom biss "jitqiesu kompletament". Din hija għalhekk koordinazzjoni mhux vinkolanti bejn l-awtoritajiet regolatorji.

100. Madankollu, lanqas f'dan il-kuntest, il-parteċipazzjoni ma tagħtix lir-rappreżentanti tal-ARN tal-Kosovo xi influwenza deċiżiva fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-BEREC peress li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC, l-ARN ma humiex intitolati għall-vot.

101. Barra minn hekk, fid-dawl tar-riferiment magħmul fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC għal ftehim b'dan l-iskop, bħalma huwa dak konkluż bl-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo, il-Kummissjoni ma tistax tiġi akkużata li wettqet il-kooperazzjoni mal-ARN tal-Kosovo permezz ta' kooperazzjoni skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC u mhux permezz ta' kooperazzjoni inqas intensiva skont l-Artikolu 35(1).

102. Minn dan isegwi li dan l-argument huwa wkoll infondat u li t-tielet aggravju għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

4. Fuq l-ewwel parti tar-raba' aggravju, dwar il-bażi legali tad-deċiżjoni kontenzjuża

103. Permezz tal-ewwel parti tar-raba' aggravju, Spanja tikkontesta mill-ġdid li l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo jikkostitwixxi bażi suffiċjenti għad-deċiżjoni kontenzjuża.

104. Spanja toġġezzjona b'mod partikolari għall-punt 72 tas-sentenza appellata. Skont dan il-punt, "ma huwiex legalment neċessarju li wieħed jeżiġi li l-'ftuħ tal-parteċipazzjoni' ta' NRA ta' pajjiż terz ikun suġġett għal awtorizzazzjoni speċifika stabbilita fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali. Fil-fatt, dan il-ftuħ u r-'regoli ta' dħul' adottati għall-parteċipazzjoni fil-BEREC ma jimplikaw ebda obbligu legali fil-konfront ta' din [l-ARN], għaliex, definittivament, huwa l-kompitu ta' din tal-aħħar li tieħu liberament id-deċiżjoni ulterjuri li tipparteċipa fil-BEREC konformement ma' dawn ir-regoli."

105. Għall-kuntrarju, Spanja tqis li l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC jeħtieġ ftehim ferm iktar speċifiku, bħal dak adottat mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

106. Madankollu, kif diġà wrejt, din id-deċiżjoni ma tbiddel xejn mill-fatt li l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC ġie adottat fir-rigward tal-ftehimiet ferm inqas speċifiċi konklużi mal-pajjiżi kandidati fil-Balkani tal-Punent, li għalihom jikkorrispondi l-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo [41].

[41] Ara l-punt 70 iktar 'il fuq.

107. Għall-kuntrarju, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ħa d-deċiżjoni tiegħu li jimplimenta l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC, li kien diġà fis-seħħ f'dak iż-żmien iżda li ma kienx għadu possibbli *ratione temporis* fil-każ tal-konklużjoni tal-FSA mal-Kosovo. Għaldaqstant, għal din ir-raġuni, huwa loġiku li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE hija iktar iddettaljata mill-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo.

108. Għaldaqstant, anki l-ewwel parti tar-raba' aggravju hija infondata.

B. It-tieni parti tar-raba' aggravju u l-ħames aggravju, dwar il-kompetenza istituzzjonali tal-Kummissjoni

109. It-tieni parti tar-raba' aggravju u l-ħames aggravju huma diretti kontra l-fatt li d-deċiżjoni kontenzjuża ġiet adottata speċifikament mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, dawn jikkonċernaw il-kompetenza istituzzjonali tagħha.

110. F'dan ir-rigward, bit-tieni parti tar-raba' aggravju, Spanja ssostni li l-kwistjoni sensittiva tar-rikonoxximent tal-Kosovo teżiġi li huwa l-Kunsill, u mhux biss il-Kummissjoni, li għandu jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN tiegħu fil-BEREC, u dan abbażi tal-Artikolu 17 TUE. Dan huwa l-iżball imwettaq mill-Qorti Ġenerali fil-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata.

111. Permezz tal-ħames aggravju tagħha, Spanja ssostni wkoll li, fil-punti 76 u 77 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC billi ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet, abbażi tal-funzjonijiet eżekuttivi u tas-setgħat tagħha ta' rappreżentanza esterna, unilateralment tistabbilixxi arranġamenti ta' ħidma.

112. Sabiex tingħata deċiżjoni dwar dawn l-aggravji, għandu jiġi ċċarat it-tqassim tal-kompetenzi skont l-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC.

1. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet

113. Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC huwa previst li, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi kkonċernati msemmija fl-ewwel subparagrafu, "għandhom jiġu żviluppati arranġamenti ta' ħidma li jispeċifikaw, b'mod partikolari, in-natura, sa fejn u l-mod kif dawn l-awtoritajiet regolatorji tal-pajjiżi terzi kkonċernati ser jieħdu sehem […]".

114. Għalhekk, mal-ewwel daqqa ta' għajn, jista' jitqies li l-modalitajiet għall-eżerċizzju ta' din il-kompetenza jirriżultaw mill-ftehim rispettiv konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat, peress li l-arranġament ta' ħidma għandu jiġi konkluż skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-ftehim.

115. L-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, ikollu jittieħed inkunsiderazzjoni l-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni previst fl-Artikolu 126, li Spanja qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali. Madankollu, skont l-Artikolu 128, dan il-kunsill jista' jieħu deċiżjonijiet biss fil-każijiet previsti f'dan il-ftehim. Madankollu, ma hija prevista ebda setgħa ta' dan il-kunsill fil-kuntest tal-Artikolu 111. Minn dan isegwi li mill-FSA mal-Kosovo wieħed ma jista' jinferixxi ebda dispożizzjonijiet rilevanti għall-konklużjoni ta' arranġamenti ta' ħidma skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC.

116. Madankollu, minn dan ma hemmx lok li jiġi dedott li l-konklużjoni ta' tali ftehimiet hija eskluża. Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali ġustament enfasizzat, fil-punt 69 tas-sentenza appellata li ma huwiex ikkontestat minn Spanja, li, fin-nuqqas ta' tali ftehimiet, l-għanijiet tal-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo u tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC ma setgħux jintlaħqu. Minn dan il-Qorti Ġenerali ddeduċiet b'mod korrett, fil-punt 70 tas-sentenza appellata, punt dan li lanqas ma huwa kkontestat, li r-riferiment għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet jimplika biss li l-konklużjoni tal-arranġamenti ta' ħidma ma tistax tmur kontra dawn id-dispożizzjonijiet.

117. Għaldaqstant, il-modalitajiet ta' eżerċizzju ta' din il-kompetenza fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo għandhom jiġu mfittxija esklużivament fir-Regolament BEREC.

2. Fuq il-konklużjoni ta' arranġamenti ta' ħidma

118. Ir-regola dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN ta' pajjiżi terzi li tinsab fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC tirreferi, fit-tieni subparagrafu ta' dan l-artikolu, għal arranġamenti ta' ħidma, iżda la tirreferi għal deċiżjoni unilaterali (ara f'dan ir-rigward il-punt (b)) u lanqas għall-aċċettazzjoni tagħha mill-Kummissjoni (ara f'dan ir-rigward il-punt (a)). Dawn iż-żewġ aspetti jikkostitwixxu żbalji ta' liġi li jwasslu għall-annullament tas-sentenza appellata.

a) Kompetenza istituzzjonali tal-Kummissjoni

119. Fl-aħħar mill-aħħar, Spanja topponi b'suċċess il-kompetenza istituzzjonali tal-Kummissjoni, stabbilita b'mod partikolari fil-punti 76 u 77 tas-sentenza appellata, sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża

120. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(2) TUE, kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, konformement mal-proċeduri, mal-kundizzjonijiet u mal-għanijiet previsti minnhom. Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-prinċipju tal-ekwilibriju istituzzjonali, li huwa karatteristika tal-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni u li jimplika li kull istituzzjoni għandha teżerċita l-kompetenzi tagħha b'osservanza ta' dawk tal-istituzzjonijiet l-oħra [42].

121. Fil-punti 76 u 77 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tislet is-setgħa li hija meħtieġa f'dan ir-rigward sabiex tiġi adottata d-deċiżjoni kontenzjuża mill-funzjonijiet eżekuttivi tal-Kummissjoni skont ir-raba' sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE u mis-setgħat ta' rappreżentanza esterna mogħtija lill-Kummissjoni mil-ħames sentenza tal-Artikolu 17(1) TUE. Il-Kummissjoni tibqa' investita bis-setgħat f'dawn l-oqsma li ma ġewx espressament ittrasferiti lill-BEREC.

[42] Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-660/13, EU:C:2016:616, punt 32).

122. Anki din id-derivazzjoni tal-kompetenzi direttament mill-Artikolu 17 TUE hija dubjuża. Miżuri eżekuttivi normalment jittieħdu permezz ta' atti ddelegati. Madankollu, l-Artikolu 290(1) u l-Artikolu 291(2) TFUE jirrikjedu delega espressa tas-setgħa lill-Kummissjoni [43]. Barra minn hekk, fil-qasam tar-rappreżentanza esterna, l-Artikolu 218(2) TFUE ġeneralment jeżiġi awtorizzazzjoni mill-Kunsill.

123. Huwa minnu li, fil-punt 81 tas-sentenza appellata l-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-Artikolu 16 TUE jista' jistabbilixxi setgħat tal-Kunsill [44] u tittrasferixxi din il-ġurisprudenza għall-Artikolu 17 TUE. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex għalfejn tiddeċiedi jekk dan it-trasferiment huwiex possibbli peress li r-Regolament BEREC, kuntrarjament għall-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punt 77 tas-sentenza appellata, jirregola liema korpi jistgħu jagħmlu arranġamenti ta' ħidma skont l-Artikolu 35(2).

124. Huwa minnu li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC ma fih l-ebda stipulazzjoni dwar dan meta jitqies b'mod iżolat.

125. Madankollu, skont il-premessa 20 tar-Regolament BEREC, il-BEREC għandu jkun awtorizzat jikkonkludi arranġamenti ta' ħidma, b'mod partikolari mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi terzi. Għalhekk, l-Artikolu 9(i) u l-Artikolu 20(6)(m) jipprevedu li l-Bord tar-Regolaturi u d-Direttur tal-Uffiċċju tal-BEREC għandhom jawtorizzaw il-konklużjoni ta' arranġamenti ta' ħidma.

126. Għall-kuntrarju, skont il-premessa 20 tar-Regolament BEREC, il-Kummissjoni għandha teżerċita biss funzjoni ta' kontroll f'dan il-kuntest.

127. B'hekk, speċifikament fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi, l-Artikolu 35(1) tar-Regolament BEREC jipprevedi li l-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC għandhom jikkonkludu arranġamenti ta' ħidma wara awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni.

128. Dan it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-BEREC u l-Kummissjoni jikkorrispondi għall-istruttura tar-Regolament BEREC. Fil-fatt, il-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC ma humiex entitajiet intiżi li jissodisfaw il-funzjonijiet tal-Kummissjoni u li għal din ir-raġuni għandhom setgħat idderivati mill-Kummissjoni, kif ikkunsidrat il-Qorti Ġenerali fil-punt 76 tas-sentenza appellata. Pjuttost, skont il-premessi 5 u 13 kif ukoll skont l-Artikolu 3(3) u l-Artikolu 8(1) tar-Regolament BEREC, il-BEREC għandu jipprovdi għarfien espert u għandu jaġixxi b'mod indipendenti. Ir-rekwiżiti tal-indipendenza tal-membri tiegħu skont il-premessi 22, 25 u 29 kif ukoll skont l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 16(1)(m), l-Artikolu 20(3) u l-Artikolu 42 jikkonfermaw dan. Il-membri tal-Bord tar-Regolaturi nnominati mill-ARN skont l-Artikolu 7 għalhekk ma jaġixxux bħala rappreżentanti tal-ARN rispettivi tagħhom, iżda jipparteċipaw fid-diskussjonijiet fi ħdan il-BEREC bħala esperti. Sabiex tiġi żgurata din l-indipendenza, l-Uffiċċju tal-BEREC jingħata wkoll il-baġit tiegħu stess skont il-premessa 32.

[43] Ara, pereżempju, l-Artikoli 78 u 79 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1) u l-Artikoli 131 sa 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2007, L 136, p. 3, fil-ĠU 2008, L 141, p. 22, u fil-ĠU 2009 L 136, p. 84) kif ukoll, fil-qasam kopert mir-Regolament tal-BEREC, l-Artikoli 117 u 118 tad-Direttiva 2018/1972 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

[44] Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (C-660/13, EU:C:2016:616, punt 40).

129. Ikun diffiċli li jiġi kkonċiljat mal-indipendenza tal-BEREC il-fatt li l-Kummissjoni jkollha setgħat regolatorji unilaterali f'dak li jikkonċerna l-ħidma tiegħu. Bl-istess mod, il-funzjoni ta' kontroll tal-Kummissjoni, imsemmija fil-premessa 20 tar-Regolament BEREC, hija limitata għal ċerti kwistjonijiet u ma tistax twassal sabiex jittieħdu ċerti impenji mingħajr il-kunsens tal-BEREC jew tal-Uffiċċju tal-BEREC.

130. Għaldaqstant, lanqas ma hija konvinċenti l-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali, fil-punt 78 tas-sentenza appellata, mill-formulazzjonijiet differenti li jinsabu fl-Artikolu 35(1) u fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC. Il-fatt li huwa biss l-Artikolu 35(1) li jagħti espressament lill-BEREC u lill-Uffiċċju tal-BEREC is-setgħa li jikkonkludu arranġamenti ta' ħidma wara approvazzjoni minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni ma jfissirx li s-setgħat huma mqassma b'mod differenti f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 35(2).

131. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 35(1) tar-Regolament BEREC jikkostitwixxi r-regola ġenerali ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. L-Artikolu 35(2) jirregola l-każ partikolari tal-kooperazzjoni li tikkonsisti fil-parteċipazzjoni tal-ARN ta' pajjiż terz fil-Bord tar-Regolaturi, fil-gruppi ta' ħidma u fil-Bord Maniġerjali. Madankollu, ir-regola ġenerali prevista fl-imsemmi paragrafu 1 tapplika wkoll f'dan il-każ partikolari, sa fejn ir-regola speċifika tal-paragrafu 2 ma tipprevedi ebda deroga.

132. Regola speċifika bħal din hija nieqsa f'dak li jikkonċerna s-setgħa li jiġu konklużi arranġamenti ta' ħidma previsti fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC. Għalhekk, ir-regola ġenerali tal-paragrafu 1, li tipprevedi li l-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC jistgħu jikkonkludu arranġamenti ta' ħidma wara approvazzjoni minn qabel min-naħa tal-Kummissjoni, tapplika wkoll fil-kuntest tal-paragrafu 2.

133. Huwa minnu li jista' jiġi preżunt li l-parteċipazzjoni fil-ħidma tal-BEREC skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC hija ġeneralment forma eqreb ta' kooperazzjoni minn kooperazzjoni skont l-Artikolu 35(1). Madankollu, lanqas dan l-aspett ma jeħtieġ deċiżjoni mill-Kummissjoni, għaliex il-leġiżlatur diġà ħa d-deċiżjoni politika dwar din il-kooperazzjoni iktar mill-qrib. B'mod ġenerali, huwa fetaħ din il-possibbiltà bl-adozzjoni tal-Artikolu 35(2) u għandu jikkonfermaha, fir-rigward tal-pajjiż terz ikkonċernat, bil-ftehim meħtieġ skont dan l-aħħar artikolu. Dan huwa dak li għamel f'dan il-każ permezz tal-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo. F'dan il-każ, setgħu jiġu stabbiliti regoli oħra sabiex tiġi deċiża l-parteċipazzjoni tal-ARN fil-BEREC, iżda dan ma kienx il-każ.

134. Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 77 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kienet kompetenti sabiex tistabbilixxi l-arranġamenti ta' ħidma dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo.

b) Forma tad-deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni

135. Barra minn hekk, il-forma tad-deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni hija wkoll dubjuża.

136. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC, fil-verżjoni tiegħu bil-Ġermaniż, jippermetti li *jiġu konklużi* arranġamenti ta' ħidma, jiġifieri, b'mod partikolari, mingħajr ma tittieħed ebda deċiżjoni unilaterali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jew minn korpi oħra.

137. Huwa minnu li verżjonijiet lingwistiċi oħra ta' din id-dispożizzjoni jitkellmu b'mod inqas ċar dwar ftehimiet. B'hekk, fil-verżjoni bl-Ingliż, isir riferiment għal "working arrangements", li għandhom jiġu żviluppati. Il-kunċett ta' "arrangements" jista' jinftiehem bħala arranġament, iżda wkoll, *inter alia*, bħala leġiżlazzjoni u, għaldaqstant, jista' jirreferi għal determinazzjoni unilaterali. Il-verżjoni bil-Franċiż tuża l-kunċett simili ta' "arrangements de travail", li huma previsti ("il est prévu"). Skont il-verżjoni bl-Ispanjol, għandhom jiġu saħansitra stabbiliti "normas de trabajo", jiġifieri normi ta' xogħol ("se irán estableciendo"). Madankollu, il-frażi "normas de trabajo" tidher li hija żball ta' traduzzjoni peress li, fil-punti l-oħra tar-Regolament BEREC, fejn il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra jirreferu għal arranġamenti ta' ħidma, il-verżjoni bl-Ispanjol tuża l-frażi "acuerdos de trabajo", jiġifieri timplika wkoll l-eżistenza ta' ftehim.

138. Madankollu, riferimenti oħra għal arranġamenti ta' ħidma li jinsabu fir-Regolament BEREC juru b'mod ċar, anki f'lingwi oħra, li dawn it-testi ma humiex iddeterminati unilateralment, iżda huma s-suġġett ta' qbil bejn il-partijiet. Dan huwa rifless b'mod partikolari fl-Artikolu 9(i) u fl-Artikolu 20(6)(m) tar-Regolament BEREC, li jipprovdu li l-awtorizzazzjoni tal-konklużjoni ta' arranġamenti ta' ħidma, *inter alia*, mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi tagħmel parti mill-kompiti tal-Bord tar-Regolaturi u tad-Direttur tal-Uffiċċju tal-BEREC.

139. Madankollu, l-għan tal-Artikolu 35 tar-Regolament BEREC, li huwa li jippermetti l-kooperazzjoni mal-ARN tal-pajjiżi terzi, jidhirli li huwa determinanti. Madankollu, il-kundizzjonijiet ta' kooperazzjoni ma jistgħux jiġu ddeterminati unilateralment mill-Unjoni.

140. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC meta kkonstatat, fil-punt 82 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni kellha s-setgħa li *unilateralment* tistabbilixxi arranġamenti ta' ħidma għall-parteċipazzjoni tal-ARN ta' pajjiżi terzi fid-deċiżjoni kontenzjuża.

141. Huwa possibbli li d-deċiżjoni kontenzjuża tiġi kkunsidrata bħala offerta indirizzata lill-ARN tal-Kosovo bil-għan li jiġu konklużi arranġamenti ta' ħidma Madankollu, permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni diġà tistabbilixxi l-arranġament ta' ħidma, kif jirriżulta mill-premessa 5 ta' din id-deċiżjoni. Għaldaqstant, fuq dan il-punt, is-sentenza appellata ma tistax tiġi kkonfermata permezz ta' motivazzjoni differenti.

3. Konklużjoni intermedja

142. Id-deċiżjoni li għandha tingħata dwar it-tieni parti tar-raba' aggravju u dwar il-ħames aggravju tirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti.

143. Peress li issa huwa stabbilit li huma l-BEREC u l-Uffiċċju tal-BEREC li għandhom jiddeċiedu dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri mhux il-Kunsill, it-tieni parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda.

144. Għall-kuntrarju, il-ħames aggravju għandu jintlaqa' peress li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża.

145. Konsegwentement, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata.

V. Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

146. Skont l-Artikolu 61(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, jew tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

147. Ir-rikors jinsab fi stat li jiġi deċiż peress li ġie stabbilit li l-Kummissjoni ma kinitx kompetenti sabiex tadotta d-deċiżjoni kontenzjuża.

148. Konsegwentement, it-talbiet ta' Spanja għandhom jintlaqgħu u d-deċiżjoni kontenzjuża għandha tiġi annullata.

VI. Fuq iż-żamma fis-seħħ tal-effetti tad-deċiżjoni kontenzjuża

149. Jekk, kif qegħda nipproponi, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża fuq il-bażi tal-ħames aggravju biss, hija jkollha żżomm l-effetti tagħha, skont l-Artikolu 264(2) TFUE, sakemm tiġi ssostitwita bi ftehim ta' arranġament korrispondenti.

150. Ma nqisx li huwa eskluż li l-ARN tal-Kosovo diġà tista' tipparteċipa direttament b'mod estensiv fil-ħidma tal-Bord tar-Regolaturi, tal-gruppi ta' ħidma u tal-Bord Maniġerjali abbażi tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC u tal-Artikolu 111 tal-FSA mal-Kosovo.

151. Minn tal-inqas, il-ftehimiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament BEREC dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-persunal tal-Uffiċċju tal-BEREC, madankollu, ma jirriżultawx direttament mill-imsemmi regolament. Jekk jiġu rrevokati, għaldaqstant, tista' tiġi pperikolata l-parteċipazzjoni tal-ARN tal-Kosovo, minkejja li hija diġà legalment prevista, għar-raġunijiet esposti iktar 'il fuq, indipendentement minn miżura ta' implimentazzjoni.

152. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li d-deċiżjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-ARN tal-pajjiżi terzi l-oħra tal-Balkani tal-Punent huma affettwati mill-istess difett bħad-deċiżjoni kontenzjuża. Madankollu, huma ma humiex is-suġġett ta' din il-proċedura, b'tali mod li ma hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni f'dan ir-rigward. Madankollu, ikun utli li dawn id-deċiżjonijiet jiġu ssostitwiti wkoll permezz ta' arranġamenti ta' ħidma konklużi bejn il-BEREC, l-Uffiċċju tal-BEREC u l-ARN individwali.

VII. Spejjeż

153. Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

154. Skont l-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

155. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż ta' Spanja u l-ispejjeż tagħha stess.

VIII. Konklużjoni

156. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi kif ġej:

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Settembru 2020, Spanja vs Il-Kummissjoni (T-370/19, EU:T:2020:440), hija annullata.

2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2019 dwar il-parteċipazzjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Kosovo fil-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi hija annullata.

3) L-effetti tad-deċiżjoni annullata għandhom jinżammu sakemm din tiġi ssostitwita b'arranġament ta' ħidma skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2018/1971 li jistabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC).

4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbati l-ispejjeż sostnuti mir-Renju ta' Spanja u minnha stess fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.